# Beati u Qaddisin...Gunju

San Girgor Giovanni Barbarigo, isqof  - 18 ta' Gunju



F'Mejju tas-sena 1656 gewwa Ruma faqqet il-pesta, marda qerrieda li kienet thalli hafna mwiet. Il-papa Alessandro VII li kien dawk iz-zminijiet gewwa Kastelgandolfo, irritorna halli jara b'ghajnejh stess dak li kien qed isehh u jordna li jittiehdu mizuri biex il-popolazzjoni tkun mghejjuna mill-aktar fis.

Biex jitmexxew is-sokkorsi gewwa t-Trastevere, ic-centru tal-qilla tal-marda l-papa ghazel lis-sacerdot ta' wiehed u tletin sena, Gregorio Barbarigo ta' nisel venezjan. L-ghazla li kien ghamel kienet wahda tajba ghal ahhar.

Meta l-papa fdalu din il-missjoni Gregorio obda bla tlaqliq minkejja li sab ruhu fl-eqqel tal-mard fost l-aghar impestati. Hawn meta ra l-mizerja tal-morda, beda' jaghmilha ta' missier, gwida u habib. Kien jaqdi d-doveri ta' infermier, deffien u missier il-poplu  tat-Trastevere.

Il-papa innominah isqof ta' Bergamo fis-sena 1657 u sena wara kardinal. Bhala mudell ha lil Carlo Borromeo, b'accent qawwi personali ghat-taghlim tal-katekizmu. Meta fis-sena 1664 gie appuntat isqof ta' Padova huwa ta spinta 'l quddiem lis-seminarju f'dik li hija formazzjoni teologika u bibblika.

Xiehda jirrakontaw li huwa  kien jiekol mal-qaddejja u qatt ma abbanduna t-taghlim tad-duttrina nisranija u dejjem kien pront biex jassisti l-moribondi.

Darbtejn kellu opportunita' li jigi elett papa u kull darba jirrifjuta.  Ghalih Padova, l-istudju u l-imhabba kienu kollox. Kien ihossu kuntent li jdoqq il-qampiena biex it-tfal jingabru ghall-katekizmu. Hu stess kien jipprepara l-bankijiet u s-siggijiet biex fuqhom toqghod bil-qieghda l-udjenza halli tisma' il-kelma t'Alla. Bhal fiz-zmien l-imghoddi meta b'dawk l-istess idejn kien jiehu hsieb l-impestati.

Miet fis-sena 1697 u kien beatifikat minn Klement XIII fis-sena 1761. Kellhom jghaddu 150 sena ohra meta fis-sena 1911 Piju X ircieva bost' appelli ghall-kanonizazzjoni tieghu, fosthom is-sacerdotAngelo Roncalli minn Bergamo.  Pero' ma kienx il-Papa Piju X li ghamlu qaddis, imma Angelo Roncalli li meta lahaq Papa, ipproklamah mall-qaddisin fis-26 ta' Mejju 1960 fil-Bazilka tal-Lateran.